MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 31/1996/1

Maria Pace u b'degriet tad-9 ta' Ottubru 2003 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Raymond Mifsud, 44, Triq ta' Ġorf, Xagħra, minflok Maria Pace li mietet fil-mori tal-kawża .

vs

Carmelo u Margaret konjuġi Grima .

Il-Qorti ,

Rat l-avviż li permezz tiegħu l-attriċi talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhomx jiġu kkundannati jikkonsenjaw lura  l-għamara u l-oġġetti mobbli kollha li jinsabu fil-pussess taghkom u li huma proprjeta' tal-attriċi, liema oġġetti intom kontu ġarrejtu mill-fond fejn tabita u tgħix l-attriċi numru mija u tmienja u tletin (138), Triq Marsalforn, Xagħra, Għawdex, kemm l-attriċi damet toqgħod magħkom u l-aktar meta kienu qegħdin isiru xogħlijiet ta' natura strutturali fil-fond fejn tabita l-istess

attriċi, u fin-nuqqas l-għaliex ma għandkomx tkunu kkundannati tħallsu l-valur tal-istess oġġetti fi flus .

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarrkin .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi :

1. Illi d-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt għaliex kwalunkwe oġġetti mobbli illi għadhom fil-pussess tagħhom l-esponenti w illi kien xi darba jappartjeni lill-attriċi kien ġie mogħti lilhom minnha inkondizzjonatament u għalhekk mhux mogħti d-dritt illum lill-attriċi illi tirrevoka jew tirrexxindi donazzjoni illi hija kienet oriġinarjament għamlet mingħajr ebda kondizzjoni ;

2. Illi fi kwalunkwe każ, u sussidjarjament, it-talbiet attriċi huma llum kolpiti bil-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2153, u 2156 tal-Kodiċi Ċivili, u fi kwalunkwe każ bil-preskrizzjoni ta' ħames snin a tenur tal-artikolu 2155 tal-Kodiċi Ċivili .

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' April 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-attriċi talbet li tingħata lura xi għamara u oġġetti oħra li kienu qegħdin f'idejn il-konvenuti . Dawn kienu ttieħdu fl-okkażżjoni meta kienu qed isiru xi xogħlijiet strutturali fid-dar tagħha . Imma, għalkemm il-konvenuti rritornawlha xi oġġetti u tawha l-flus ta' xi oħrajn li kienu nbiegħu, meta nkisru r-relazzjonijiet ta' bejniethom, kien għad baqa' xi affarijiet tagħha għandhom

. Fl-affidavit tagħha[1], l-attriċi kienet semmiet x'kienu dawn l-oġġetti, u ċioe' : sett tas-salott konsistenti f'sufan u żewġ pultruni miksija bid-drapp, xi *cushions* tar-rakkmu, kwadru bil-veduta, *dresser* u saqqu . Il-konvenuti baqgħu ma xehdux, imma fin-nota ta' l-osservazzonijiet tagħhom, jammettu illi s-sufan għadu għandhom, u lesti jirritornawh, basta ma jbatux spejjeż għat-trasport .

Fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom, il-konvenuti jikkontestaw it-talbiet attriċi, fl-ewwel lok għax jikkontendu illi dawn l-oġġetti kienu ġew mogħtija lilhom b'donazzjoni . Imma mbagħad fl-istess nota ta' l-osservazzjonijiet jirrikonoxxu illi dawn kienu biss ġew depożitati għandhom mill-attriċi[2], u għalhekk din l-ewwel eċċezzjoni qed tiġi respinta .

Fit-tieni lok jeċċepixxu l-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikoli 2153 u 2155 tal-kap. 16 . Imma l-konvenuti baqgħu ma ressqu ebda provi in sostenn ta' din l-eċċezzjoni u għalhekk qed tiġi ukoll miċħuda .

Dwar il-kwistjoni jekk l-attriċi għandhiex dritt tirreklama l-valur ta' l-oġġetti illi ma għadhomx f'idejn il-konvenuti, minkejja illi m'għamlitx talba f'dan is-sens,ingħad illi :

"*Meta ssir talba għar-radd ta' ħwejjeġ depożitati ma' xi ħadd u waqt it-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta li d-depożitarju jkun iddispona mill-ħwejjeġ fdati lilu, il-Qorti tista' tikkundanna lid-depożitarju jirrifondi lill-attur somma ta' flus ekwivalenti għall-valur ta' tali ħwejjeġ u dan minkejja li ma jkun hemm ebda talba f'dan is-sens fic-citazzjoni.*" [3]

Ma rriżultax x'valur kellhom l-oġġetti li kien għad baqa' f''idejn il-konvenuti . Fl-Avviż promotur l-attriċi kienet iddikjarat, għall-fini ta' kompetenza, illi l-valur tagħhom ma kienx jeċċedi l-Lm250 . Jekk jittieħed in konsiderazzjoni s-sufan li l-konvenuti jammettu illi għadu għandhom, mitejn lira maltija (Lm200) għandhom ikunu adegwati

[1] Dok. MP a fol. 14 .
[2] ara l-istes Nota a fol. 54 .
[3] Henry Pace vs Joseph Laurenti : Prim'Awla : 14.12.2001 .

sabiex jagħmlu tajjeb għall-valur ta' l-oġġetti l-oħra . A tenur ta' l-artikolu 1914 (2) l-ispejjeż tal-ġarr tas-sufan għandhom jiġu ssoportati mill-attur, bħala eredi tad-depożitant .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talba attriċi u tordna lill-konvenuti jirritornaw lill-attur is-sufan li kien ġie depożitat għandhom mill-atttriċi xi żmien ilu, bl-ispejjeż tal-ġarr ikunu a karigu ta' l-attur, u peress illi ma rriżultax illi l-oġġetti l-oħra għadhom għand il-konvenuti, tordnalhom iħallsu wkoll lill-istess attur is-somma ta' mitejn lira maltija (Lm200) rappreżentanti l-valur ta' l-istess oġġetti nieqsa .

Billi ma rriżultat ebda ġustifikazzjoni għaliex il-konvenuti naqsu li jirrifondu dawn l-oġġetti meta hekk mitluba mill-attriċi, l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu ssoportati minnhom .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------